**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 302 tat-22 ta' Jannar 2025 dwar it-tqegħid tad-dikjarazzjonjiet tal-assi ta' Ministri u Segretarji Parlamentari fuq il-Mejda tal-Kamra bi tweġiba għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tirreferi għat-talba li għamel l-Onor. Karol Aquilina fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2025, wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, fejn b'referenza għat-tweġiba mogħtija mill-Prim Ministru għall-mistoqsija parlamentari numru 24591 staqsa hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, xtaqt nagħmel talba għal ruling.
>
> Sur President, nirreferi għat-tweġiba mogħtija mill-Prim Ministru għall-mistoqsija parlamentari numru 24,591 li ġiet imwieġba lbieraħ it-Tnejn 20 ta' Jannar 2025 li fiha qal:
>
> > "Id-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari għas-sena 2023 ġew sottomessi skont kif mitlub fil-Manwal, u kienu disponibbli għall-pubbliku.".
>
> Nirreferi wkoll għall-mistoqsijiet u għat-tweġibiet mogħtija lbieraħ: Nru 24,592 mogħtija mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu; Nru 24,593 mogħtija mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali; 24,594 mogħtija mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal; 24,595 mogħtija mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali; Nru 24,596 mogħtija mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli; li kollha jirreferu għat-tweġiba mogħtija mill-Prim Ministru għall-mistoqsija numru 24,591.
>
> Nirreferi wkoll għall-mistoqsijiet parlamentari u għat-tweġibiet mogħtija llum: Nru 24,597 mogħtija mill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi; Nru 24,598 mogħtija mill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat; Nru 24,599 mogħtija mill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar; Nru 24,600 mogħtija mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol; Nru 24,601 mogħtija mill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika; Nru 24,602 mogħtija mill-Ministru għall-Finanzi; li wkoll kollha jirreferu għat-tweġiba mogħtija mill-Prim Ministru għall-mistoqsija numru 24,591; li kif diġà għidt, jirreferi, jgħid, iwieġeb li d-dikjarazzjoni tal-assi tal-ministri kienu disponibbli għall-pubbliku.
>
> Nirreferi wkoll għar-ruling mogħti minnek fis-Seduta 242 tal-14 ta' Mejju 2024, dwar referenza għal dokumenti pubbliċi fi tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari kif ukoll għar-ruling mogħti minnek fl-aħħar leġiżlatura waqt is-Seduta 92 ta' nhar it-12 ta' Marzu 2018 u fis-Seduta 328 tal-11 ta' Mejju 2020 dwar it-tqegħid fuq il-Mejda tal-Kamra ta' dokumenti li kienu jinsabu fid-dominju pubbliku, kif ukoll għar-rulings mogħtija mill-Ispeaker Louis Galea fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 u għar-ruling mogħti minnek fis-Seduta 323 tad-9 ta' Novembru 2015.
>
> Għalhekk fid-dawl ta' dawn it-tweġibiet u fid-dawl tar-rulings mogħtija mis-Sedja, qiegħed ġentilment nitlob ruling mis-Sedja sabiex tobbliga lill-Prim Ministru u lill-ministri kollha li semmejt minnufih ipoġġu fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tagħhom għas-sena 2023."

Is-Sedja informat lill-Onor. Membru li se tara t-talba tiegħu u tagħti d-deċiżjoni fil-ħin opportun.

Is-Sedja tibda billi tinnota li hemm żewġ tipi ta' dikjarazzjonijiet ta' assi li jridu jiġu sottomessi minn Membri Parlamentari, u ċjoè dik li ssir mill-Membri Parlamentari kollha u tiġi sottomessa kull sena lill-Ispeaker, u dik li trid issir minn Ministri u Segretarji Parlamentari u tiġi sottomessa lis-Segretarju tal-Kabinett.

Is-Sedja rat x'inhuma r-regoli li jikkonċernaw id-Dikjarazzjonijiet tal-Assi ta' Ministri u Segretarji Parlamentari. Dawn ir-regoli jinsabu f'paragrafu 7(3) tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li jinsab anness bħala t-Tieni Skeda għall-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u nikkwota:

> "7.3 Hekk kif Ministru jingħata l-kariga, għandu minnufih jagħti rendikont tal-assi u l-interessi tiegħu lis-Segretarju tal-Kabinett fuq il-formola relattiva. Għandu jiġi indikat ukoll lis-Segretarju tal-Kabinett kull interess illi jista' b'xi mod jagħti lok għal perċezzjoni ta' konflitt ta' interess jew konflitt ta' interess reali. Dan ir-rendikont għandu jingħata kull sena bil-mod indikat minn żmien għal żmien."

Min-naħa l-oħra, id-dikjarazzjonijiet li jridu jkunu sottomessi lill-Ispeaker huma regolati minn paragrafu 5(1) tal-Kodiċi ta' Etika għall-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jgħid illi:

> "5. (1) Kull membru tal-Kamra tad-Deputati għandu ta' kull sena fiż-żmien stabbilit mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati jindika f'reġistru li jinżamm għal dan l-għan mill-iSpeaker, liema reġistru jkun miftuħ għall-ispezzjon tal-pubbliku u għandu jkun fih:
>
> > (a) x'ikunu x-xogħol jew il-professjoni tiegħu, u jekk ikun impjegat, x'jismu min jimpjegah;
> > (b) il-proprjetà immobbli tiegħu, dik tal-konjuġi jekk ikun hemm il-komunjoni tal-akkwisti, dik tal-ulied tiegħu ta' taħt l-età kif ukoll, jekk ikun hekk jixtieq, il-mod kif din tkun inkisbet u kif tkun qiegħda tiġi użata;
> > (ċ) azzjonijiet f'investimenti ta' kumpaniji kummerċjali inklużi flus depożitati fil-banek u kull xort'oħra ta' interess finanzjarju;
> > (d) pożizzjonijiet ta' direttur u pożizzjonijiet uffiċjali oħra f'kumpaniji kummerċjali, assoċjazzjonijiet, bordijiet, soċjetajiet koperattivi jew kull grupp ieħor ukoll jekk dawn ikunu għaqdiet volontarji."

Dwar id-dikjarazzjonijiet sottomessi lill-Ispeaker, is-Sedja tirrileva li dawn huma dawk id-dikjarazzjonijiet li huma fil-pussess tas-Sedja nnifisha, u li huma miftuħa għall-ispezzjon tal-pubbliku skont l-istess dispożizzjoni fil-Kodiċi ta' Etika. Dawn jinżammu mill-Uffiċċju tal-Ispeaker, u tul is-snin ma kien hemm ebda istanza fejn l-Ispeaker ma awtorizzax lil xi persuna milli tiġi u tispezzjonah, suġġett biss għall-kundizzjoni li ma jistgħux isiru kopji minnu jew jittieħdu ritratti tiegħu b'xi mod.

Fil-fatt, is-sistema hija li kull persuna li trid tara xi dikjarazzjoni tal-assi ta' kull Membru, inkluż il-Membri tal-Kabinett, inkluż il-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-istess Sedja, għandu jiġi fl-uffiċċju tal-Ispeaker u jkollu aċċess li fiżikament jara u jispezzjona dik id-dikjarazzjoni tal-assi. Irid jiġi personalment fiżikament, kif fil-fatt dejjem intużat din il-

proċedura bl-applikazzjoni ta’ din il-liġi, kemm għall-ġurnalisti u kull membru ieħor illi jieħu interess u jiġi jara dawn id-dikjarazzjonijiet.

Din hija l-prassi li ntużat minn mindu bdew jiġu sottomessi dawn id-dikjarazzjonijiet, liema prassi hija wkoll approvata mill-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data.

Min-naħa l-oħra, l-Ispeaker la għandu pussess u wisq inqas kontroll fuq id-dikjarazzjonijiet li jiġu sottomessi minn Ministri u Segretarji Parlamentari, li dwarhom il-liġi tgħid biss li għandhom ikunu sottomessi lis-Segretarju tal-Kabinett.

Il-Manwal ta’ Proċeduri tal-Kabinett (Marzu 2022) jgħid illi:

> “6.1 “Fi żmien xahrejn mill-ħatra, u mhux aktar tard mix-xahar ta’ Marzu ta’ kull sena, kull Ministru u Segretarju Parlamentari għandu jibgħat lis-Segretarju tal-Kabinett dikjarazzjoni tal-assi.”

u jkompli hekk :

> “Is-Segretarju tal-Kabinett, taħt id-direzzjoni tal-Prim Ministru, għandu d-dover jipprepara l-formola neċessarja għal din id-dikjarazzjoni. Is-Segretarju tal-Kabinett jagħti aċċess għal kopji ta’ kull dikjarazzjoni kif ikun awtorizzat mill-Prim Ministru.”

Għalhekk ma jemerġix l-obbligu li dawn id-dikjarazzjonijiet jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, li l-kweżit ta’ accessibbilità tal-pubbliku għall-istess hu sodisfatt b’talba li ssir lis-Segretarju tal-Kabinett.

Mill-qari ta’ din ir-regola joħroġ ċar illi din id-dikjarazzjoni tal-assi li temerġi mill-Manwal ta’ Proceduri tal-Kabinett issir għall-fini ta’ skrutinju mill-Prim Ministru, bħala l-Kap tal-Kabinett, dwar l-assi tal-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Is-Sedja hija infurmata illi, anke kif indikat mill-istess Prim Ministru fit-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 24591, kull formola ntbagħtet lis-Segretarju tal-Kabinett minn kull Ministru u Segretarju Parlamentari sad-data preskritta fil-manwal imsemmi, u cjoè sa Marzu, u huma disponibbli għall-pubbliku wara talba kif għadni kif indikajt.

Anke fil-każ imqajjem mill-Onor. Karol Aquilina fis-seduta tal-bieraħ, fejn il-Prim Ministru għamel referenza għal dawk id-dikjarazzjonijiet, is-Sedja tirrileva li ladarba ma hemmx obbligu legali sabiex dawn id-dokumenti jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, is-Sedja lanqas ma għandha s-setgħa illi tobbliga xi Ministru sabiex iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra xi dokument, anke jekk ikun għamel referenza għalih f’xi tweġiba għal mistoqsija parlamentari. F’kull każ, anke kif għamlet fid-diversi rulings li għamel referenza għalihom l-Onor. Aquilina, is-Sedja tista’ biss tirrakkomanda illi l-Ministri jqiegħdu dokumenti, u dan sakemm ma jkunx qiegħed jikkwota minnhom.

Is-Sedja rat ir-rulings kollha kkwotati mill-Onor. Membru, u in partikolari rat ukoll id-deċiżjoni li tat l-istess Sedja fis-Seduta 323 tad-9 ta’ Novembru 2015, fejn f’dak ir-ruling is-Sedja għamlitha ċara u kkwotat l-Erskine May (24 Edizzjoni) f’paġna 447, fejn jingħad hekk:

> "It is the responsibility of the government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House and are available to Members."

U tagħti wkoll l-eżempju ċar tal-każ partikolari tal-Assemblea tan-Northern Ireland, li hija l-unika leġiżlatura fir-Renju Unit u fil-Commonwealth li għandhom standing orders ċari illi jitkellmu dwar il-kontenut ta' risposta ministerjali u allura s-sedja għandha poteri anke fuq l-istess kontenut ta' risposta ministerjali. Għaldaqstant nikkowta l-istanding order relevanti tal-Assemblea tan-Northern Ireland, ċjoè Standing Order 19(5), li jgħid:

> "A question must be answered as clearly and as fully as possible".

Ovvjament fl-assenza ta' dan l-istanding order f'pajjiżna, is-Sedja hija limitata għal dak li għandu x'jaqsam mar-risposta tal-Ministri jew tal-Membri tal-Kabinett.

Min-naħa l-oħra, is-Sedja kif diġà qalet f'diversi rulings, u ċitat mill-Onor. Membru, nikkwota mill-House of Commons Procedure - kif fil-fatt il-Parlament Malti huwa obbligat li jagħmel skont Ordni Permanenti 197, u ċjoè li tara wkoll x'inhija l-prattika fil-House of Commons - anke kif ikkwotat mill-Erskine May (23 Edizzjoni) paġna 261, fejn jingħad b'mod ċar illi:

> "In practice, the responsibility for presentation of Command Papers is that of the Minister in charge of the relevant department. Command Papers are those papers which are considered by the Government to be of interest to Parliament, the presentation of which is not required by statute."

Dan ifisser li *sta* għall-Ministru responsabbli li jara jekk ċerti dokumenti għandux jippreżentahom għall-interess tal-Parlament innifsu. Min-naħa l-oħra, dokumenti li huma mitluba li jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra minħabba l-effett tal-liġi, dawk ovvjament għandhom jitpoġġew fil-Parlament peress li huma parti minn dak li teżiġi l-istess liġi jew l-istatut partikolari.

Is-Sedja rat ukoll dak li qalet anke f'diversi rulings, u dan per konsegwenza tal-prattika tal-House of Commons, fejn fil-prattika tal-House of Commons mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub ġieli jkunu mwieġba mill-Ministru li jiġi riferut għal xi dokument pubblikat, sew jekk diġà tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u sew jekk le. Però huwa rikonoxxut li anke fejn tagħrif mitlub ikun aċċessibbli xi mkien ieħor, id-dipartiment tal-Gvern huwa mistenni li jgħin biex kemm jista' jkun il-Membri jkollhom it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħhom. Dan ukoll kif qalet is-Sedja fir-ruling mogħti fis-seduta tal-bieraħ stess.

Is-Sedja tirreleva illi għas-snin mill-1994 sal-2012 il-prassi kienet li d-dikjarazzjonijiet sottomessi lill-Kabinett jiġu imqiegħda wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra, iżda baqgħu ma tqiegħdu qatt fi tliet istanzi, ċjoè l-2001, l-2005 u l-2007, u tal-2016 tqiegħdu wara li ntalbu permezz ta' Mistoqsija Parlamentari.

Ta' min jinnota wkoll li minn mindu daħal fis-seħħ l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika fl-2018, huwa l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubbliku illi *ai termini* tal-Artikolu 13(1)(a) għandu s-setgħa:

> "li jeżamina u jekk ikun meħtieġ jivverifika, dawk id-dikjarazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dħul jew attiv, jew interessi jew benefiċċji oħra ta' kull xorta ta' persuni

li għalihom japplika dan l-Att, li għandhom id-dmir li jagħmlu dawk id-dikjarazzjonijiet kif jista' jkun provdut taħt dan l-Att jew kull liġi oħra u li jagħmel rakkomandazzjonijiet f'forma ta' linji gwida li l-Kummissarju jqis li jkunu xierqa u proporzjonati wkoll fir-rigward ta' kull persuna li tonqos milli tagħmel xi dikjarazzjoni kif imsemmi jew li tagħmel dikjarazzjoni skorretta b'mod li materjalment tiżvija l-iskop tad-dikjarazzjoni;"

Fil-fatt, id-dikjarazzjonijiet tal-assi li jiġu sottomesse kull sena lill-Ispeaker mill-Membri tal-Parlament, li allura jinkludu l-Membri tal-Eżekuttiv, jiġu mgħoddija lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kif regolat bil-funzjonijiet u l-poteri li għandu skont il-Kap. 570.

L-Onor. Karol Aquilina ġustament għamel referenza għar-rulings fejn is-Sedja ħeġġet u rrakkomandat illi fejn hemm dokumenti li jkunu f'sit elettroniku, ikun rakkomandabbli, li titpoġġa kopja fuq il-Mejda tal-Kamra tad-dokument f'każ li jkun raġonevolment qasir jew li jkun f'format elettroniku u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija kif tkun teżisti f'dak il-mument. Fil-każ tad-dikjarazzjoni tal-assi tal-Ministri u Segretarji Parlamentari l-ebda wieħed minnhom ma huwa qiegħed f'sit elettroniku u lanqas ma huwa dokument illi huwa ppubblikat f'xi dokument, imma huma aċċessibbli personalment b'mod fiżiku.

Għat-talba mqajma mill-Onor. Karol Aquilina, il-fatt illi ġew f'diversi okkażjonijiet dawn id-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-Eżekuttiv ġieli ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra, mhuwiex bażi li fuqha s-Sedja tista' tobbliga, lanqas tirrakkomanda, li dawn għandhom ukoll jiġu mqiegħda.

Ir-ruling huwa deċiż.